MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 844/2009/1

**Talba Numru: 844/09/GMA**

**GO p.l.c.**

**vs**

**Emanuel Fava**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-7 ta’ Frar 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunza s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***“It-Tribunal**,*

*Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici fejn talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u tmienja u sittin ewro u erbgha u tletin centezmu (€768.34), ammont huwa dovut lis-socjeta’*

*attrici in konnessjoni mas-servizz ta' telekomunikazzjoni li jgib in-numru S/C 4894 9CN 1027166, AC 40063764), skont diversi kontijiet mibghuta lilu.*

*Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ighaddi ghall-hlas, izda baqa' inadempjenti.*

*Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali.*

*Mal-Avviz gew mehmuza :*

*IZY 1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40063764 (S/C 4894)*
*IZY 2 ftehim dwar is-servizz ta' telekomunikazzjoni S/C 4894*

*Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.*

*Illi minghajr pregudizzju l-ammont dovut huwa preskritt skont il-Ligi.*

*Illi, l-ammont mitlub huwa gia' mhallas u dan bir-rata precedenti ta' qabel 2005.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.*

*Ra x-xhieda ta' Emanuel Fava li jghid li kien hallas kull kont li kellu pendenti mas-socjeta' attrici. Kien ircieva zewg kontijiet , wiehed datat 10 ta' Jannar 2006 u l-iehor datat 30 ta' Jannar, 2006, flimkien ma' ittra minghand certa Alison Beach, li kienet infurmatu li b'dawn iz-zewg kontijiet, is-socjeta' attrici kienet qed titlob arretrati li jmorru lura ghas-sena 2004.*

*Jinsisti li kien hallas il-kontijiet li kien ircieva minn Dicembru 2004 sa Jannar 2006.*

*Sakemm ircieva l-atti ta' dina l-kawza, qatt ma kien sema' xejn minghand is-socjeta' attrici.*

*Ra x-xhieda ta' Dr. Ingrid Zammit Young, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut.*

*Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.*

*Ikkunsidra*

*Il-konvenut qajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, izda minkejja li ma ddentifax taht liema disposizzjoni tal-Ligi qed jikkontempla l-preskrizzjoni, it-Tribunal jassumi li qed issir referenza ghall-preskrizzjoni kwinkwennali.*

*Mill-provi prodotti jidher li l-kontijiet li fuqhom is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas, kienu jmorru lura ghal Dicembru 2004.*

*Kien hemm interpellanza da parti tas-socjeta' attrici fil-kontijiet li ntbaghtu fis-sena 2006, fejn gie ndikat li l-kontijiet kienu jirreferu ghall-arretrati mis-sena 2004.*

*Mill-atti tal-process, jirrizulta li l-kawza nfethet fis-6 ta' Ottubru 2009 u ghalhekk mhux pruvat li l-azzjoni odjerna hija preskritta, liema eccezzjoni, ghalhekk, qed tigi respinta bl-ispejjes kontra l-eccipjent.*

*Dwar it-tieni eccezzjoni, l-konvenut jinsisti li kien hallas dan l-ammont pretiz, izda bir-rata ta' qabel 2005.*

*Is-socjeta' attrici, pero' esebit ittra fejn jirrizulta li kien hemm l-uzu tad-diversi mezzi ta' korrispondenza sabiex is-subscribers tas-socjeta' attrici jkunu jafu bit-tariffi godda li kellhom jigu implementati mill-1 ta' Dicembru 2004.*

*Il-konvenut isemmi li qatt ma kien sema' xejn dwar dawn it-tariffi u lanqas ma gab prova li kien ircieva xi ittra jew ra l-internet, izda s-socjeta' attrici pproduciet dokumentazzjoni, li biha nfurmaw lill-konvenut li kienu ser jigu introdotti tariffi godda sa mis-6 ta' Marzu 2006.*

*It-Tribunal, ghalhekk, soddisfatt minn din il-prova, jasal ghal konkluzjoni li l-konvenut mhux gustifikat meta jsostni li ma kienx jaf b'dawn it-tariffi u jinsisti li hallas skont ir-rati li kienu japplikaw normalment.*

*Il-fatt huwa li ma gab ebda prova sabiex jikkonvinci lil dan it-Tribunal, li kien hemm xi nuqqasijiet da parti tas-socjeta' attrici, jew li hu ma kienx debitament avzat li ma kienx hallas il-kontijiet tieghu bit-tariffi l-godda.*

*Ghalhekk billi l-provi tas-socjeta` attrici huma soddisfacjenti dan it-Tribunal ser jkollu jichad t-tieni eccezzjoni wkoll.*

*Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u tmienja u sittin ewro u erbgha u tletin centezmu (€768.34), ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz ta' telekomunikazzjoni li jgib in-numru S/C 4894 9CN 1027166, AC 40063764), skont diversi kontijiet mibghuta lilu.*

*Bl-ispejjez kollha u bl-imghax kontra l-konvenut.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Emaneul Fava (ID 1081244M) datat 28 ta' Frar 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressaq tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghat-trattazzjoni ghas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-5 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Ingrid Zammit Bianco ghas-socjeta` appellata u Dr. Anglu Farrugia ghall-appellanti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Tribunal) fl-ismijiet premessi datata 7 ta' Frar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-aggravji tal-appellant odjern huma (a) li hemm applikabbli l-preskrizzjoni skond l-artikolu 2151 (1) tal-Kap. 16 ghall-hlas addizzjonali mertu tal-kawza; (2) l-appellant qatt ma dahal fi ftehim dwar bdil tar-rati, u l-ittra esebita mis-socjeta' attrici tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 51 A u J tal-Att dwar il-Konsumatur** ghaliex ma kienx hemm l-ebda ftehim dwar il-bdil ta' rati u l-appellanti kien hallas per saldo; (3) il-fatt li intbghatet ittra lill- konsumatur dwar il-bdil ta' rati ma jfissirx li dan kien accettat mill-appellanti u dan ma giex ezaminat mit-Tribunal fid-decizjoni tieghu.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2151 (1) tal-Kap. 16** jinghad li din il-preskrizzjoni eccepita ghall-ewwel darba biss f'dan l-istadju ta' appell (haga li tista' ssir) ma hijiex applikabbli ghall-kaz in ezami u dan peress li nghad fis-sentenza **"Maltacom plc vs Anne Micallef"** (P.A. (RCP) – 13 ta' Jannar 2002 *"ghalkemm parti zghir milll-istess ammont rikjamat veru hija ghall-"kera" tal-apparat, huwa ovvju li l-ftehim bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta huwa wiehed li jimporta l-ghoti tas-servizz kontra pagament, anke jekk il-pagament huwa kkalkolat b'rati determinati skond kemm jintuza mill-utenti. Anke dak li jissejjah kera tal-apparat, ma huwiex pagament ghall-apparat fih innifsu, imma biss in kwantu tali apparat huwa mehtieg ghall-ghoti tas-servizz in kwistjoni mis-socjeta' attrici, liema servizz li l-kontraenti ikkontrattaw dwarhu, jista' u seta' biss jinghata tramite l-uzu ta' dan l-apparat. Illi a bazi tal-premess is-sentenza fl-ismijiet* ***"John Scicluna nomine vs Robert Spiteri" (JSP. 5 ta' Novembru 1992)*** *ikkonkludiet illi "il-kuntratt bejn il-kontendenti li kkreja ir-relazzoni giuridika bejniethom u li t-thaddim tieghu pprovoka din il-kawza, huwa wiehed ta' "ghoti ta' servizz" u mhux wiehed ta' "kiri ta' oggett mobbli". Ta' l-istess portata hija d-decizzjoni*

***“Post Master General et vs Michael James Falla” (P.A. 13 ta’ Mejju 1980)”*.**

Illi ghalhekk isegwi li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta’ hames snin *ai termini* tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** kif jinstab stabilit fl-istess sentenzi u dawk fl-ismijiet **“Maltacom plc. Gia Korporazzjoni TeleMalta vs Salina Co. Limited”** (P.A. (NC) – 30 ta’ Novembru 2004); **“Maltacom p.l.c. vs Charles Pool”** (P.A. (FGC) 5 ta’ Novembru 1999); **“Korporazzjoni Telemalta vs Carmel Dingli”** (P.A. (GV) 28 ta’ April 1997); **“Saviour Farrugia nomine vs Albert Pearson”** (P.A. - 2 ta’ Mejju 1997). Ghalhekk l-ewwel aggravju dwar il-preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 2151 (1) tal-Kap. 16** qed jigi michud ghaliex mhux applikabbli ghall-kaz in ezami.

Illi dwar it-tieni aggravju fejn jinghad li t-Tribunal ma trattax it-tielet eccezzjoni moghtija sew ghaliex skond l-appellant qatt ma dahal fi ftehim ghal-tariffi godda backdated ghas-sena 2004, jinghad li t-tielet eccezzjoni ma kienitx f’dan is-sens izda li l-ammont mitlub kien gja mhallas u dan bir-rata precedenti ta’ qabel; mela allura dak li qed jinghad bhala aggravju f’dan it-tieni aggravju huwa punt li tqajjem biss f’dan l-istadju ta’ appell, u peress li din hija Qorti ta’ revizjoni, dan ma jistax jigi kkunsidrat f’dan l-istadju specjalment fejn l-appellant ghall-ewwel darba qed jeccepixxi li avviz ta’ tibdil ta’ rati jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 51 A u 51 J tal-Att dwar il-Konsumatur,** eccezzjoni li dejjem setghet tqajjmet fl-ewwel istanza izda ma tqajjmitx.

Illi apparti minn dan, jinghad ukoll li jirrizulta li meta dahal fil-kuntratt mas-socjeta’ attrici sabiex jinghata s-servizz mertu tal-kawza odjerna jirrizulta li l-istess servizz kien suggett li r-rati jigu mibdula skond ir-regolamenti hemm imsemmija minn zmien ghal zmien, u jirrizulta wkoll li l-istess appellanti kien informat bl-istess zieda fit-tariffi kemm permezz ta’ avviz fil-gazzetti msemmija fl-ittra datata 6 ta’ Marzu 2006, u permezz ta’ ittra hemm indikata bhala datata Novembru 2004 (fol. 27) u jidher li dan sar skond dak rikjest fil-**Telecommunications (Leased**

**Lines) Regulations 2003)** u ma hemm ebda prova li dan ma sarx skond il-ligi. Dan qed jinghad kollu ghall-grazzja tal-argument ghaliex tali eccezzjoni kif hawn impostata f'dan l-appell qatt ma kienet imqajjma fl-ewwel stadju.

Illi barra minn dan, l-istess appellant allega li kien ghamel pagament per saldo ghall-perjodi ndikati u mertu ta' din il-kawza, izda fil-verita' ghalkemm prova ta' pagamenti saret, izda mhux relattivi ghall-ammonti hawn indikati, minn imkien ma gie ppruvat li saru pagamenti per saldo u li dawn gew accettati bhala tali mis-socjeta' attrici. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi l-ahhar aggravju huwa fis-sens li l-appellant qatt ma accetta dawn it-tariffi godda; izda tezisti prova li meta sar il-ftehim ghal tali servizz is-socjeta' attrici irriservat li tibdel it-tariffi skond kif permess mill-Ligi, u ghalhekk f'dan il-kuntest jirrizulta li t-talba attrici kif imposta ghandha tirnexxi u qed tigi milqugha fid-dawl tal-eccezzjonijiet kif formulati mill-appellant quddiem l-istess Tribunal. B'hekk dan l-aggravju qed jigi wkoll respint ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u huwa insostenibbli anke in vista tal-eccezzjonijiet kif impostati fl-ewwel istanza, eccezzjonijiet li gew sewwa kkonsidrati mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fid-decizjoni tieghu.

Illi ghalhekk l-appell odjern qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi, billi tichad ir-rikors tal-appell ta' l-appellanti datat 28 ta' Frar 2011, inkluza l-eccezzjoni hemm sollevata skond l-artikolu 2151 (1) tal-Kap. 16 u dan ghaliex tali preskrizzjoni ma hijiex applikabbli ghall-kaz in ezami, u wkoll ghaliex l-aggravji l-ohra sollevati huma fil-kuntest tal-kawza odjerna nfondati fil-fatt u fid-dritt, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 7 ta' Frar 2011 fl-ismijiet "Go p.l.c. vs Emanuel Fava" (Talba Nru. 844/09/GMA) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti Emanuel Fava.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------